MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 212/2013

**A B**

**vs**

**C D,**

**J K ,**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet**

**tat-22 ta' Jannar 2014 A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem biex tirrapprezenta lill-minuri M D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet jigifieri l-esponenti u C D huma mizzewgin pero huma separati legalment skont kuntratt ta’ separazzjoni datata 18 ta’ Awissu 2007 quddiem in-Nutar Dottor Joanne Cauchi u dan skont l-anness document “A”;

Illi l-esponent kellha relazzjoni mal-parti l-iehor li jismu J K minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija fid-9 ta’ Awissu 2007 bl-isem M D u dan skont l-anness certifikat tat-twelid Dok “B”;

Illi J K jiddikjara illi din it-tarbija hija wild naturali tieghu u ta’ dan l-esponenti qeghda taccetta;

Illi l-esponenti tixtieq illi l-missier naturali jigifieri J K jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali tat-tarbija;

Illi l-esponenti tixtieq li isiru t-testijiet xjentifici halli tigi rizolta din il-pendenza;

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi J K huwa l-missier naturali tal-minuri M D;
2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri M D billi f’dik il-parti iddedikata ghad-dettalji ta’ missier it-tarbija fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija huwa “C D” jigi sostitwit bil-kliem “J K”;

Bl-ispejjez kontra l-intimati illi huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illli preliminarjament jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri M D l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li jintlaqgħu t-talbiet attriċi l-esponent jinvita lill-intimat J K sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri, (2) il-post tat-twelid tiegħu, (3) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmiha minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri M D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita M D;

3. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi l-intimat C D ma ghandu ebda kontestazzjoni ghall-premessi tar-rikorrenti A B fir-Rikors Guramentat taghha;
2. Illi preliminarjament l-intimat C D jecepixxi n-nullita tar-Rikors Guramentat odjern u dana peress illi dan ma jirrispettax il-forma li trid l-ligi u ma jindikax b'mod car minn huwa l-atturi u l-konvenuti f'din il-kawza;
3. Illi preliminarjament ukoll jigi eccepiet illi l-attrici A B ghandha l-kura u l-kustodja tal-minuri M D u ghalhekk ma hemm l-ebda bzonn li jigu mahturi kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-minuri u l-attrici kellha tintavola din il-kawza f'ismha proprju u bhala kuratrici tal-minuri M D u ghalhekk jekk ser jigu mahtura xi kuraturi l-ispejjez taghhom ghandha tbaghtihom l-istess attrici;
4. Illi preliminarjament ukoll l-esponenti jecepixxi l-*privilegium fori* stante li zewg konvenuti huma residenti Ghawdex u cioe huwa u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex stante li l-minuri giet irregistrata fir-Registru Pubbliku ta' Victoria, Ghawdex;
5. Illi fil-mertu l-intimat C D jaf li huwa mhux il-missier bijologiku tal-minuri M D u dana peress li meta giet kkoncepita huwa kien separat *de facto* minn ma martu A B u ma kellu ebda relazzjoni maghha;
6. Illi fil-fatt meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni taghhom fit-18 ta' Awissu 2007 u cioe' disat (9) ijiem wara t-twelid tal-minuri M D, huwa lanqas biss kien jaf li martu kellha tarbija u min-naha taghha minkejja li fic-certifikat tat-twelid nizzlet li l-intimat C D huwa missier il-minuri, fil-kuntratt ta' separazzjoni ddikjarat illi ma hemm l-ebda ulied miz-zwieg taghha mal-intimat C D;
7. Illi ghalhekk huwa ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti u ma jopponix, anzi jaqbel li ismu ma ghandux jibqa' jidher bhala isem il-missier fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri M D;
8. Illi huwa ma ghandu jbati ebda spejjez in konnessjoni ma' din il-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illil-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita’ tal-minuri M D *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieldet nhar id-9 ta’ Awwissu 2007[1] twieldet fiz-zwieg bejn l-istess attrici u l-intimat C D, *stante* li l-istess imsemmija rikorrenti u l-intimat C D isseparaw legalment nhar it-18 ta’ Awwissu 2007[2] u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-intimat C D, l-istess minuri m’hijiex bintu naturali izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor J K. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza qieghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li C D mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati ta’ J K.

Min-naha tieghu, l-intimat C D fil-mertu jaqbel li mhux il-missier naturali tal-imsemmija minuri filwaqt li l-intimat l-iehor J K ma ipprezenta ebda

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 7 tal-process
[2] Ara l-kuntratt ta’ separazzjoni esebit a fol 4 tal-process

risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-proceduri pero' jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti permezz ta' affidavit.

**Il-Verzjoni tar-Rikorrenti**

Permezz tal-affidavit taghha[3] r-rikorrenti tghid li hi u l-intimat C D zzewgu nhar it-30 ta' Jannar 2004 b'dan li sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fit-18 ta' Awwissu 2007, ghalkemm tiddikjara li minn mindu telqet lill-intimat f'Lulju 2004 qatt ma kellha kuntatt mieghu aktar tant li hi kienet tghix Ghawdex filwaqt li l-intimat C D kien jghix Malta. Izzid tghid li f'Awwissu 2006 bdiet ir-relazzjoni taghha mal-intimat J K u frott ta' din ir-relazzjoni, f'Awwissu 2007, welldet lill-minuri M. J K kien prezenti tul it-tqala bhala l-missier naturali tal-istess minuri. Tispjega wkoll li minhabba l-kwistjonijiet ta' natura legali, t-tarbija ma setghetx tigi registrata fuq isem J K izda fuq isem zewgha u ghalhekk kellha tintavola l-proceduri ojderni.

**Il-verzjoni tal-intimat J K**

Permezz tal-affidavit tieghu[4] l-intimat jikkonferma dak li tghid ir-rikorrenti kwantu ghal dak li jirrigwarda r-relazzjoni tieghu maghha kif ukoll it-twelid tal-minuri u r-registrazzjoni taghha. Jiddikjara li huwa l-missier tal-istess minuri b'dan li jghid li jiehu hsiebha u jmantniha.

**Eċċezzjonijiet ta' Natura Preliminari**

L-intimat C D, iqajjem zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari u cioe' t-tieni eccezzjoni li tirrelata mal-allegata nullita' tar-rikors guramentat u r-raba' eccezzjoni li tirrelata l-privilegium fori. L-Qorti tirrileva li l-istess

[3] Esebit a fol 25 tal-process
[4] Esebit a fol 26 tal-process

intimat irtira dawn l-eccezzjonijiet permezz tal-verbal tat-22 ta’ Jannar 2014 u konsegwentement il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Dwar it-tielet eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li hija relatata mad-dettalji tal-intimat J K, il-Qorti tirrileva li din giet survolata wkoll permezz tan-nota prezentata minnu nhar it-28 ta’ Frar 2014.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m’hijiex il-wild naturali tal-intimat C D u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f’Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta giet ippruvata.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta’ rizultat ta’ *test* xjentifiku esebit in atti, gie kkonfermat li l-intimat J K huwa l-missier naturali tal-istess tarbija. B’hekk, permezz tal-istess test jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri verament mhijiex il-wild naturali tal-intimat C D. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita’ u ftit taghmel differenza x’jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li tali fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhijiex il-wild naturali tal-intimat C D.

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali relatati mal-istess mertu. Ghal dak li jirrigwarda l-presunzjonijiet legali, l-Qorti terga’ taghmel referenza ghall-aqwa prova li fil-fatt giet

esebita in atti u cioe' d-DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi u ghaldaqstant tqis li r-rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjonijiet legali kollha u ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi t-talbiet taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' qeghda u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li J K huwa l-missier naturali tal-minuri M D ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

(2) Tilqa' t-tieni talba b'dan li tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jemenda l-att ta' twelid tal-minuri fis-sens illi l-konnotati kollha ta' C D fir-rigward tad-dettalji ta' missier it-tarbija ghandhom jigu kancellati u sostitwiti bil-konnotati tal-intimat J K u cioe':

Isem u kunjom: J K
Karta tal-identita' numru: 299882M
Eta': 25 sena
Post tat-twelid: Pieta'
Post ta' residenza meta twieldet il-minuri: Marsaxlokk
Isem u kunjom tal-missier patern: P K li kien haj fi zmien it-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti u mill-intimat J K fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------